MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19

Il-Ħamis, 26 ta' Novembru, 2020

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-13:30.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 19.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

19.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

19.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 19.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

19.2.1 Is-Sindku qal li rigward: *3rd edition of the Istanbul Environment Friendly City Award (2020-2021),* hija applikazzjoni li tikkonċerna l-aktar lir-reġjuni jew kunsilli kbar.

19.2.2 Is-Sindku qal li inġabret kwotazzjoni għall-maskla tal-cotton sabiex tingħata lill-kulħadd pero se tiswa ħafna lill-Kunsill. Wara diskussjoni sar qbil li nġibu kwotazzjoni ta' pakett li jinkludi; santizier, maskla single use u affarjiet oħra.

19.2.3 Is-Sindku qal li f'laqgħa li kellu mal-Ministru Clint Camilleri, wera d-dispjaċir li x-xogħolijiet fuq il-monument ta' San Lawrenz ma komplewx. Is-Sindku qal li mill-Ministeru wegħduh li ser tiġi organizzata laqgħa mad-Direttur Vicky Xuereb sabiex naraw x'inhu l-pass li jmiss rigward il-monument u anke t-toroq pendenti li għandna li suppost ser jiġu finanzjati mill-Ministeru għal Għawdex, jiġifieri Triq il-Wileġ u Triq il-Ġebla tal-Ġeneral. Is-Sindku informa lill-Kunsill li rigward Triq il-Ġebla tal-Ġeneral, huwa nformah li kull dokument marbut mal variations li kienet talbet id-Direttur Xuereb il-Kunsill għaddihomlha xhur ilu, u issa kien jonqos mill-Ministeru għall-pass li jmiss. Is-Sindku informa li ħeġġeġ sabiex din il-laqgħa ssir mill-aktar fiss possibbli.

Fl-istess laqgħa ġie diskuss id-driver li l-Ministru kien wegħdna li għandu jiġi assenjat mal-Kunsill. Rigward dan il-Minisitru informa lis-Sindku li d-driver dalwaqt jiġi assenjat mal-Kunsill.

Is-Sindku qal li kif kien informa fil-laqgħa preċedenti r-raġuni prinċipali tal-laqgħa kient sabiex jiġi diskuss il-finanzjament taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku qal li kienet laqgħa pożittva ħafna għaliex il-Ministru laqa' tajjeb il-proposta. Is-Sindku informa li flimkien huma iddiskutew il-proġett u anke l-eventwalità li partijiet minnu jkun jista' jiġi użat anke fuq bażi reġjonali. Dwar il-finanzjament il-Ministru talab sabiex bħala Kunsill ninkludu dan il-proġett bħala waħda mill-prioritajiet għal skema li ser iniedi l-Ministeru fil-ġranet li ġejjin.

Il-Kunsillier Carmela Grima wriet id-diżappunt tagħha għaliex sosniet li hi ma kienetx taf b'din il-laqgħa mal-Ministru. Is-Sindku infurmha li hu malli sar jaf bid-data u l-ħin tal-laqgħa kien bagħat messaġġ fuq il-group chat tal-Kunsill biex javża lill-kulħadd tlett ijiem qabel ma saret u dan il-messaġġ kien 'seen' min kulħadd. Il-Kunsillier Grima qalet li l-messaġġi mhux dejjem tarahom. Is-SE qalet li din l-issue trid tiċċara ruħha għaliex importanti, hija qalet li meta intgħażel dan il- mezz ta' komunkazzjoni mill-Kunsill kollu, ma kienx sar oġġezzjoni u kien hemm qbil li jintuża dan il-mezz tal-kommunikazzjoni biex ikun komdu u iktar effiċjenti għall-

kulħadd. Sar qbil li meta jkunu affarijiet bħall laqgħat ma Ministri u laqgħat uffiċjali tintbgħat email apparti l-messaġġ tal-medja soċjali.

19.2.4 Is-Sindku qal li fil-laqgħa tar-Reġjun, qajjem i l-fatt li bħalissa bħala Kunsill suppost nipprovdu s-servizz ta' on-demand streaming, għall-ispejjeż tal-istess Kunsill. Is-Sindku kompla jgħid hu jaqbel ma dan is-servizz dejjem jekk niġu imħallsa mill-Gvern għalih. Jidher li mill-kwotazzjonijet din ser tiswa lill-Kunsill 'il fuq minn €2000.00 fis-sena, meta l-Kunsill mhux qed jirċievi l-ebda kumpens biex ikun jista' jżid dan is-servizz Għalhekk ippropona sabiex bħala Kunsill ninfurmaw lir-Reġjun dwar din il-problema peress li deher li diversi Kunsilli oħra Għawdxin qed isibu l-istess problema. Il-Kunsill qabel unanimament mas-Sindku.

19.2.5 Is-Sindku ippropona biex il-Kunsill jieħu s-suġġerimenti kollha tal-laqgħa tal-lokalita', mibgħuta mis-sur Robert Grech għall-proġetti li ġejjin, inkluż spazju għall-kultura fiċ-Centru Ċiviku kif ukoll iktar protezzjoni fir-raħal ta' San Lawrenz. Il-Kunsill qabel unanimament.

19.2.6 Is-SE ressqet ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart għall-approvazzjoni. Dan ġie approvat u iffirmat.

19.2.7 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza mingħand d-Dipartiment tal-Animal Welfare fejn infurmawna li l-applikazzjoni tagħna rigward l-iskema tal-Annimali ġiet aċċettata.

19.2.8 Is-SE qalet li iċivejna mingħand l-Ministeru t'Għawdex fejn qed jieħdu applikazzjonijiet għall-proġett innovattivi madwar Għawdex kif ukoll qed titieħed lista għall-proġetti ta toroq li għad fadal jiġu asfaltati. Wara diskussjoni sar qbil li napplikaw għall-proġett taċ-Ċentru Ċiviku u Triq Wied il-Merill.

19.2.9 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza mingħand id-Dipartiment sabiex inġeddu jew ninominaw persuna bħala Deputat SE. Sar qbil li nġeddu n-nomina tas-Sjn Marianne Sagona.

19.2.10 Is-SE qalet li l-isem tal-Isqaq tan-Nenija ġie ippublikat fuq il-gazetta tal-Gvern.

19.2.11 Is-SE qalet li kellha problema fuq kontijiet li intbgħatu lill-Kunsill mill-kuntrattur Joseph Attard. Is-SE kompliet tgħid li l-kontijiet huma antiki, li minnhom hemm saħansitra mill-2012, u għalhekk ma setgħetx tivverifikhom sew. Is-SE flimkien mas-Sindku talbu parir legali u l-parir li ingħata kien li dawn il-kontijiet huma preskritti, u dawk l-kontijiet li x-xogħol tagħhom sar iktar minn ħames snin ilu, ma jitħalsux. Il-Kunsill qabel unanimament.

19.2.12 Is-SE qalet li irċivejna korrispondenza mingħand residenti ta' Mrejna Court u tal-madwar fejn qed joġġezzjonaw fuq żvilupp ta' tlett penthouses fuq l-istess binja jiġfieri ta' Mrjena Court, l-oġġezzjoni qed issir peress li dan l-iżvillupp ser isir fl-UCA. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jsemma leħnu dwar dan l-iżvilupp minħabba l-fatt li l-Kunsill huwa obbligat li jara li kull żvillupp isir konformi mal-liġi, jara li jkun hemm rispett lejn l-estetika tar-raħal, kif ukoll kull impatt negattiv li jista' joħloq kull żvillupp li jkun qed isir bħalma huwa parkeġġ u servizzi oħra. Is-Sindku kompla jisħaq li l-Kunsill għandu jkun attent u jimbotta li kull żvillupp jiffavorixxi lill-familji ġodda fir-raħal. Dwar dan is-Sindku kien sekondat mill-viċi Sindku Anthony Formosa, pero l-kunsilliera l-oħra ma qablux li l-Kunsill isemma leħnu dwar din l-oġġezzjoni. Il-Kunsilliera Gorg Camilleri u Joseph Cauchi sostnew li huma ma jistgħux iwaqqfu

li jsir il-bini fiz-zona tal-iżvillupp. Is-Sindku qal li jaqbel, pero rridu naraw li l-bini jkun jirrispetta l-estetika tar-raħal u x'impatt ser iħalli. Il-Kunsilliera Carmena Grima qalet li jekk il-perit tal-Kunsill jgħid li huma qed jibnu skont il-policy tal-post għandhom jibnu kif applikaw.
Is-Sindku kompla jisħaq li bħal ma dejjem qal, huwa ma huwiex kontra li jsir żvillupp fiz-zona tal-iżvillupp pero l-Kunsill huwa obbligat li għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri jrid iħares li apparti l-kruha fl-estetika tar-raħal, din tista' tkun problema oħra ta' iktar holiday houses (bil-problemi ta' żibel u storbju li jġibu magħhom, fost l-oħrajn) u mhux djar għall-familji.
Peress li ma kienx hemm qbil, l-l-oġġezjoni bħala Kunsill ma tistax issir. Is-sindku talab li l-Kunsill għandu jitlob lill-Perit tal-Kunsill sabiex jidentifika eżatt x'tgħid il-policy dwar l-area konċernata u jekk l-iżvillupp li qed jiġi propost imur kontra l-policy din il-materja għandha tiġi diskussa.

19.2.13 Is-SE ressqet il-*Performance Appraisal* tal-ħaddiema tal-Community Workers Scheme; is-Sinjura Sharon Mizzi u Joe Vella. Is-SE tat ir-rakkomandazzjoni tagħha li jingħataw il-massimu tal-*Performance Bonus*. Il-Kunsill qabel unanimament mas-SE.

## 19.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

19.3.1 Il-Kunsillier Carmela Grima infurmat li hi qed tmur l-Animal Welfare tirreġistra f'isem il-Kunsill sabiex tingħata għajnuna bħall-vouchers u ikel tal-annimali biex tagħti lill-cat feeders fir-raħal. Is-SE infurmat lill-kunsillier sabiex tagħmel reġistru tal-affarijiet li qed tingħata mill-animal welfare u lil min mill-cat feeders qed jingħata l-għajnuna sabiex ikollha kollox registered speċjalment issa bl-iskema l-ġdida li rebaħ il-Kunsill.

19.3.2 Il-Kunsillier George Camilleri saqsa x'ġara mill-iskema tas-siġar li ipproponiet l-AKL. Is-SE infurmatu li saret l-applikazzjoni permezz ta' email.

19.3.3 Il-Kunsillier Joseph Cauchi saqsa jekk nistgħux napplikaw għall-magna li tiddepożita l-bottijiet tal-plastic u joħroġ l-ikel għall-klieb. Il-Kunsill qabel li japplika.

## 19.4 L-Open Space ta' Quddiem iċ-Ċentru Ċiviku Ġdid;

19.4.1 Is-Sindku qal il-Perit Micallef irranġa l-pjanta tal-open space ta' quddiem iċ-Ċentru Ċiviku fejn turi il-pjan propost għall-open space inkluż *Greek Theatre*, playing field, outdoor gym eċċ. Is-Sindku wera l-open space propost għall-approvazzjoni tal-Kunsill u qabel unanimament.

## 19.5 Applikazzjoni; SPI.SCI.6.2020 - Finanzjament għall-Krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa;

19.5.1 Is-Sindku qal li rigward l-iskema SPI. 6/2020, il-Kunsill huwa fil-proċess li japplika għall-open space kif isemma fil-punt ta' hawn fuq kif ukoll manutenzjoni fil-pjazza għall-tlett snin, statwa tal-bronż fejn turi t-tfal jilgħabu logħob tradizzjonali u bħall Swejjaq, Festival tal-Fjuri, 3d mapping show. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 19.6 L-Attivitajiet tal-Milied;

19.6.1 Is-Sindku qal li kif semmejna l-aħħar laqgħa, din is-sena sfortunatament minħabba l-pandemija, mhux ser ikun possibli li nagħmlu parties speċjalment tal-anzjani. Hu komplja jgħid li bħala Kunsill bl-għajnuna tal-Ministeru se jiġu organizzat dawn: 3d mapping show b'sound fuq medda ta tlett ijiem fejn għall-siegħa kuljum jintwerew xeni fuq il-knsija li wieħed jista jgawdi fil-karozza u bejgħ tal-imbuljata take-away. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 19.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

19.7.1 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendent u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 19.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

19.8.1 Il-laqgħa intemmet fis-15:45 u sar qbil li l-laqġħa li jmiss issir il-Ħamis, 19 ta' Diċembru 2020 fil-13:00.

IFFIRMATA
Noel Formosa
Sindku

IFFIRMATA
Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv